MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 819/2007

**Dr. Philip Manduca ID Card No. 339960(M) bhala mandatajru tal-eredi ta’ Karim Chikeur u cioe` Cherif Chikeur, Abdellah Chikeur, Saadia Geuddouche, Nedjma Chikuer u Rezkia Chikeur u Cherifa Chikeur u Arezki Chikeur**

**vs**

**George Carmel Bugeja, (ID Card No. 170286(M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Dr. Philip Manduca *nomine* datat 27 ta’ Lulju 2007 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-esponent huwa l-mandatarju tar-rikorrenti li huma l-eredi ta’ Karim Chikeur.

Illi Karim Chikeur miet b'rizultat ta' incident ta' traffiku waqt li kien qed jaqsam it-triq Marina Street, Pieta` u safa milqut mill-vettura tal-marka Peugeot 309 bin-numru ta' registrazzjoni AFS 200 misjuqa mill-konvenut George Bugeja fil-lejl tat-13 ta' Awwissu 2005.

Illi ghal dan l-incident kien unikament risponsabbli George Bugeja li kien qed isuq b'negligenza, b'*speed* qawwi u minghajr *proper look out* u b'non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi fil-gurnata tal-incident Karim Chikeur kellu sitta u ghoxrin sena.

Illi b'rizultat tal-mewt ta' Karim Chikuer l-eredi tieghu sofrew danni kif ser jigi ppruvat fil-kawza.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Prevja li din il-qorti tistabilixxi u tiddikjara, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi, li l-imsemmi George Carmel Bugeja kien unikament responsabbli ghal incident ta' traffiku in kwistjoni.

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti bhala eredi ta' l-istess Karim Chikeur.

3. Tikkundanna lill-istess George Carmel Bugeja sabiex ihallas id-danni hekk likwidati lill-eredi ta' Karim Chekeur.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentat kontestwalment kontra l-*insurance* tal-konvenut u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni. Bl-ispejjes tal-ittra ufficjali datat 6 ta' Ottubru 2006.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 2 sa 19 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-9 ta' Ottubru 2007.

Rat ir-risposta mahlufa ta' George Carmel Bugeja datata 5 ta' Settembru 20074 a fol 31 tal-process fejn eccepixxa : -

1. Preliminarjament, ir-rikorrent irid igib prova bil-miktub tal-mandat tieghu.

2. Preliminarjament ukoll, u bla pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrent irid igib prova li l-mandanti tieghu huma assenti minn dawn il-Gzejjer.

3. Preliminarjament ukoll, u bla pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrent ghandu jgib prova li tissoddisfa l-ligi taghna li l-mandanti tieghu huma l-eredi tal-mejjet Karim Chikeur.

4. Preliminarjament ukoll, u bla pregudizzju ghall-premess, id-dokumenti markati "A" "B" "C" u "D" ghandhom jigu sfilzati ghaliex mhumiex konfermati bil-gurament.

5. Bla pregudizziu ghall-premess u fil-mertu, l-ewwel talba tar-rikorrent ghandha tkun michuda *stante* li l-esponent ma kien jahti xejn ghall-incident *de quo*, liema incident sehh unikament bi htija tal-mejjet Karim Chikeur.

6. It-tieni talba attrici ghandha tkun rigettata wkoll billi fejn jirrigwarda l-esponent ma hemmx danni x'jigu likwidati.

7. Isegwi ghalhekk li anke t-tielet talba kif dedotta kontra l-esponent ghandha tkun michuda *stante* li l-esponent m'ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lir-rikorrent.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimat a fol 32 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-5 ta' Frar 2008 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr Anna Mallia sabiex tirrelata dwar it-talbiet attrici wara li tiehu konjizzjoni tal-

eccezzjonijiet tal-konnvenut kollox a spejjez provizorjament tal-attrici.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur *nomine* datata 18 ta’ Gunju 2010 a fol 88 tal-process.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut ghan-nota tal-attur *nomine* datata 2 ta’ Dicembru 2010 a fol 102 tal-process.

Rat in-nota ta’ kritika tar-rapport peritali ta’ Dr. Philip Manduca *nomine* datata 11 ta’ Ottubru 2011 a fol 185 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia pprezentat fir-registru fit-2 ta’ Mejju 2011 u mahluf fis-seduta tal-10 ta’ Novembru 2011 a fol 192 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha u dokumenti prezentati quddiem din il-Qorti u quddiem il-Perit Legali.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta’ Novembru 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Alessia Zammit Mckeon ghall-konvenut prezenti u Dr. Anna Mallia bhala Perit Legali li halfet ir-rapport. Dr. Alessia Zammit Mckeon tat ruhha b’ notifikata bin-nota ta’ kritika tal-attur u l-Qorti tatha erbghin (40) gurnata zmien ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghas-26 ta’ April 2012.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn Karim Chikeur li kien qed jaqsam Triq ix-Xatt, Pieta fit-13 ta' Awwissu 2005 u safa' investit minn vettura misjuqa mill-konvenut Reg. No. AFS – 200 ta`marka Peugeot 306 u allura qed jitlob li l-istess konvenut jigi ddikjarat responsabbli ghall-istess u konsegwentement jigi kkundannat ihallas id-danni li jigu likwidati minn din il-Qorti. Il-konvenut qed jilqa` ghat-talbiet attrici billi eccepixxa li l-istess incident sehh minhabba nuqqas ta' attenzjoni tal-attur meta kien qed jaqsam it-triq.

Illi f'materja ta' incidenti tat-traffiku hemm is-sentenza **"Il-Pulizija vs Dockyard PC 347 Carmel Mifsud"** (App. Krim. – 26 ta' Gunju 1954) fejn inghad li meta ma kienx hemm regolamenti li jiddixxiplinaw il-*pedestrians* intqal li l-*pedestrian* li jaqsam it-triq ghandu d-dritt kollu li d-*driver* juza d-diligenza mehtiega biex jevitah, anki jekk il-*pedestrian* jaqsam negligentement; u d-*driver* ghandu jkun ritenut responsabbli, jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b'mod li jkun pogga ruhu fil-posizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-*pedestrian.* Il-kaz li fih id-*driver* jista' jkun ezentat mir-responsabbilta' hu dak biss li fih il-*pedestrian,* b'xi att inaspettat u subitaneu, jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu, ikun qieghed lid-*driver* f'pozizzjoni li, anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega, dan ma setax assolutament jevita l-investiment.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **"Joseph Micallef vs Joseph Sammut"** (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001) gie ritenut:-

*"Illi ma dan irid jinghad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq, u fil-fatt irid jipprova li huwa "used such care for his own safety as is a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances" (Gibb para 127)."*

Illi relevanti wkoll dak li inghad fis-sentenza **"Rita Calleja vs Joseph Agius"** (PA (JSP) 5 ta' Ottubru 1995 – Vol. LXXIX.ii.1277) fejn gie riaffermat il-principju li:-

*"Jekk pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qieghed isuq karozza b'mod*

*regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi tenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza (Vol. XXXIX.iv.1031)".*

Illi dwar id-difiza tas-*sudden emergency* ma tistax tigi sollevata b'success meta kien hemm "qabel" vjolazzjoni mill-parti tad-*driver,* ghax allura jkun hu stess li holoq l-emergenza b'dik li tissejjah *self-created incapacity* in kwantu li ma setax izomm *a tempo, stante* li kien miexi bi *speed* zejjed (*vide* **"Il-Pulizija vs Capt. Arthur Gera",** 13 ta' Dicembru 1958 u **"Stephen Borg vs Godwin Sant"** – P.A. (RCP) – 26 ta' Frar 2009).

Illi imbaghad fis-sentenza **"Antonella Tonna vs Roderick Gauci et"** (P.A. (G.V.) – 8 ta' Ottubru 2004 - Cit. Nru: 2025/00/GV) intqal hekk :-

*"Skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati ma hemmx dubju li pedestrian huwa ntitolat ghall-ezercizzju ta' reasonable care da parti tad-drivers, anke meta jinzlu mill-bankina u jkun fil-carriageway, u ghalhekk il-fatt li pedestrian kien fil-carriageway ma jezonerax lid-driver mill-htija, jekk dan id-driver ma jkunx uza reasonable care" (App. Krim P vs C Demicoli Vol 37 p4 p 1157)".*

*"M'hemmx presunzjoni li pedestrian ghandu dejjem ragun. Imma lanqas m'ghandu jitqies bhala intruz" (App. Civ. Bongailas vs Mercieca Vol.L 1 p 15)".*

Illi fis-sentenza ohra ricenti fl-ismijiet **"John Ransley et vs Edward Restall et"** (P.A. (LFS) – 10 ta' Mejju 2005 - Cit Nru: 154/02/LFS) inghad ukoll li:-

*"Dwar il-pedestrian jinghad li dan ghandu juza l-massimu prudenza meta jigi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-Highway Code jghidu hekk :-*

*'20. Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways.*

*21. Before you cross, stop at the kerb, look right, look left, and look right again. Do not cross before the road is clear.'*

*"Il-**pedestrian** suppost li jara vettura gejja ghax din ma taqax mis-sema. Ukoll fattur indikattiv dwar tort ta' **pedestrian** huwa meta jkun ghadu kif nizel il-bankina ghax jekk ikun kwazi qasam it-triq allura d-driver ikun kellu possibilita' kbira li jilhaq jarah. Li persuna tintlaqat vicin tal-bankina minn fejn tibda taqsam, hija indikattiva ta' distanza ravvicinata hafna ghall-karozza li ttajjarha. Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fl-ismijiet **"Micallef George noe vs Camenzuli Gordon"** deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997."*

Illi fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Joseph Mifsud proprio et noe vs Tania Craus"** (A.C. 7 ta' Ottubru 2005 - App. Civ 1417/96) gie osservat:-

*"Illi hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah 'a reasonable look out', liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…" 'Reasonable look out' ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view [Vol. LXXXII.III.322]. 'The duty to look implies the duty to see what is in plain view' [Gibbs – Trial of Motor Car Accident Cases Sec.54]. Izda ghalkemm is-sewwieq ghandu l-obbligi fuq premessi, anke il-pedestrian ghandu certu obbligi li jrid josserva qabel ma jinvadi territorju li mhux tieghu, u cioe' qabel ma jaqsam il-karregjata."*

Illi dwar l-obbligi tas-sewwieq inghad fis-sentenza gja citata **"John Ransley et vs Edward Restall et"** (P.A. (LFS) – 10 ta' Mejju 2005 - Cit Nru: 154/02/LFS) fejn gie kkonfermat li:-

*"Is-sewwieq ghandu jipprova jiehu azzjoni evasiva biex jevita li jolqot lill-pedestrian u dan specjalment jekk ma jkunx qieghed isuq b'velocita' eccessiva. Apparti mill-azzjoni evasiva biex ma jolqotx il-pedestrian, normalment is-sewwieq jiehu azzjoni relattiva – u cioe' jaghfas il-brake meta jirrejalizza bil-presenza ta' persuna ohra quddiemu.*

*Ghandu l-obbligu li jkollu dwal bizzejjed, u aktar ma hemm vizwali limitata ghandu aktar ikollu velocita' moderata hafna. L-istess jinghad jekk it-triq ikollha kunfigurazzjoni li tillimita l-vizwali. Irid ma jeccedix il-massimu permess mill-ligi dwar velocita' u dan l-obbligu jizdied jekk ikun qieghed isuq vicin ta' xi skola, knisja, jew playing field. [Ara f'dan is-sens* ***"George Micallef pro et noe v Gordon Camenzuli"*** *deciza 7 ta' Ottubru, 1997 mill-Onor. Qorti tal-Appell Civili Superjuri.]"*

Illi huwa veru li mhux biss is-sewwieq tal-vettura izda wkoll l-utenti l-ohra tat-triq ghandhom obbligi fl-investiment taghhom tat-toroq, u dan jirrizulta minn diversi sentenzi inkluzi dawk citati mill-konvenut fl-ismjiet **"Mary Bonello vs Slyvia Fsadni"** (.A.C. 11 ta' Marzu 1998); **"Sciberras vs Sciberras"** (P.A. 8 ta' Gunju 1982), **"Anthony Callus vs George Grixti"** (P.A. (JSP) 4 ta' Gunju 2002); u wkoll **"Joseph Micallef et vs Joseph Sammut"** (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001); **"Carmel Schembri vs Dorianne Zerafa"** (P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001); **"Reginald Marmara' vs Anthony Chetcuti"** (P.A. (RCP) 11 ta' Lulju 2001) izda applikati l-principji fuq esposti ghall-kaz in ezami din il-Qorti thoss li r-responsabbilita' principali tal-istess incident kienet ta' l-istess Karim Chikeur li qasam it-triq perikolozament u dan ghaliex ma kienix suppost li jaqsam it-triq minn fejn qasam fejn adirittura kien hemm *barrier* fin-nofs tal-karreggiati ta' zewg piedi, ma uzax *zebra crossing* li kien hemm fil-vicin, u l-incident sar bil-lejl fejn huwa iktar probabli ghall-istess persuna bil-mod li qasmet setghet tara, kieku kienet attenta u qasmet kif suppost, il-karozza gejja tenut kont ukoll tad-dawl li kien hemm fl-istess triq u tal-karozza stess u li l-konfigurazzjoni tat-triq, u allura din il-Qorti hawn taqbel ma' dak sottomess mill-perit legali fis-sens biss li r-responsabbilita' principali tal-incident (izda mhux kollha) kienet tal-istess *decujus* ghaliex huwa qasam it-triq b'mod negligenti u f'post u hin perikoluz fejn certament jidher li ma esplorax it-triq sew qabel ma qasam.

Illi izda din il-Qorti ma taqbilx mal-perit legali li l-konvenut ma kellux ebda responsabbilta' tal-incident, u dan peress li ghalkemm kien bil-lejl, jirrizulta mill-inkjesta magisterjali

li nzammet wara li sehh l-incident, kondotta mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Dennis Montebello, li kien hemm dawl bizzejjed sabiex sewwieq ikun jista' jara dak li kien quddiem bid-dwal tat-triq, u wkoll li l-istess sewwieq kien qed isuq bi speed eccessiv ghal dik l-area kif huwa stess ammetta a tempo vergine wara l-incident u ghalhekk kif ikkonkludiet l-inkjesta *"is-sewwieq kien qieghed isuq b'velocita' superjuri ghal dak li huwa permess fit-triq in kwistjoni"* u dan certament ikkontribwixxa ghal-istess incident, li kien wiehed vjolenti kif jirrizulta mill-hsarat estensivi li fl-istess inkjesta gew identifikati fuq il-karozza misjuqa mill-konvenut (fol. 17). Apparti min dan, jidher li l-istess sewwieq lanqas biss induna bil-persuna li kienet qed taqsam it-triq, tant li huwa biss hass l-impatt, liema impatt sar f'nofs bejn wiehed u iehor il-karreggieta minn fejn kien ghaddej is-sewwieq, tant li l-istess sewwieq ma zamm l-ebda *brake marks* minkejja li kellu vizwali tajba tat-triq u vizjoni fit-tul tal-istess triq. Dan ifisser li ma hemm l-ebda dubju, anke tenut kont li l-hsarart fuq il-vettura misjuqa mill-konvenut, kienu fuq ix-xellug tal-istess vettura, u allura meta intlaqat il-konvenut kien piu o meno f'nofs it-triq, li l-istess sewwieq ikkontribwixxa ghall-istess incident, ghaliex kieku kien qed isuq bi speed kif suppost u allura inqas, u kien attent ghal dak li kien hemm quddiem huwa seta` wkoll jevita jew almenu jkun f'posizzjoni li jkun jista' jevita' tali incident, Minflok, huwa pogga lilu nnifsu f'posizzjoni li huwa ma setax jirreagixxi ghall-agir tal-persuna li kienet qed taqsam it-triq, u lanqas seta` bil-mod kif saq jevita, u ghalhekk din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi, l-konvenut ikkontribwixxa ghall-incident fi grad naturalment inqas minn dak tad-*decujus*. Ghalhekk din il-Qorti thoss li d-*decujus* kellu tlett kwarti (3/4) tort mill-incident, mentri l-konvenut qed jigi ritenut responsabbli ghal kwart (1/4) mill-istess. Bazikament, ghalhekk din il-Qorti qed taqbel mal-konkluzjonijiet tal-inkjesta, anke konsiderati l-istess fid-dawl tal-provi hawn imressqa u mhux qed taqbel mar-relazzjoni peritali, proprio ghar-ragunijiet hawn indikati li jinkludu in gran parti (izda mhux ghal kollox) wkoll l-osservazzjonijiet li ghamlu l-atturi fin-nota ta' kritika taghhom 11 ta' Ottubru 2011 u partikolarment il-punti indikati bhala 1,2,3,5,6,7,8, u 10 tal-istess nota a fol. 187 tal-process. F'dan il-kaz ghalkemm

il-*pedestrian* qasam b'mod perikoluz, is-sewwieq ma kienx qed isuq b'mod sew ghaliex kien qed isuq b'velocita' iktar milli permessa fl-inhawi u lanqas kien attent ghal dak li kien hemm fit-triq b'dan li ma kienx qed jinvesti l-vettura li kien qed isuq b'diligenza ragonevoli (**"Salvatore Bongailas vs Joseph Mercieca"** – A.C. – 20 ta' Jannar 1967; **"Anthony Galea vs Domenic Zammit"** P.A. (GV) – 30 ta' Mejju 2001; **"Christabelle Tabone vs Mark Fenech"** – P.A. (JA) – 28 ta' Frar 2007).

Illi f'kaz ta' mewt in konnesssjoni ma' likwidiazzjoni ta' danni din il-Qorti qed tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Mary Abela proprio et nomine vs Godwin Scerri nomine"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Jannar 2008) fejn saret riferenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Turner et vs Francis Agius"** (A.C. 28 ta' Novembru 2003) fejn inghad:-

*"Il-Qorti trid mill-gdid taghmilha cara li f'kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika, specjalment meta l-akkadut ikollu konsgwenzi fatali. Tifhem ukoll li hemm differenza f'sitwazzjoni fejn si tratta ta' mewt ta' kap ta' familja li minnu din tkun qed tiddependi direttament, ghal xi sitwazzjoni ohra fejn invece ghaz-zamma u ghixien taghha si tratta ta' membru iehor ta' familja………Din il-Qorti jidhrilha li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex f'dan il-kaz taddotta linja ta' kalkolu differenti ghal fini ta' kumpens, minn kif stabbilit fil-maggoranza ta' kazi simili".*

Illi l-istess jinghad fil-kawza fl-ismijiet **"Mario Mizzi et vs Paul Genovese et"** (A.C. – 3 ta' Marzu 2006) fejn inghad illi:-

*"A skans ta' ripetizzjoni ghalhekk, qeghda ssir riferenza shiha ghal dik is-sentenza finali* **(Anthony Turner et vs Frances Agius et)** *ghar-raguni li din il-Qorti ghadha tikkondividiha pjenament u dan ifisser li l-quantum tad-danni f'din il-kawza wkoll irid jigi ridott sostanzjalment………………..."* u hawn il-Qorti tirreferi ghal dak li sostniet u affermat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell f'dik is-sentenza kemm rigward *multiplier* li ghandu jinhadem fuq medda ta' hajja lavorattiva, il-grad ta'

dipendenza bejn il-vittma u l-atturi u mbaghad issir riduzzjoni ta' dak li huwa msejjah bhala *"self consumption"* u fl-ahhar nett issir riduzzjoni ghal dak imsejjah bhala *lump sum payment*, tenut kont kemm ikunu hadu zmien il-proceduri in ezami.

Illi hekk mahduma din twassal ghas-segwenti kalkolu tad-danni sofferti fil-kaz tat-telf ta' hajja ta' dan il-bniedem, u dan dejjem skond il-binarju stabbilit fil-gurispridenza l-aktar ricenti nkluza dik fil-kawza fl-ismijiet **"Laura mart Emanuel Formosa et vs Emanten Spiteri et"** (P.A. (TM) – 28 ta' April 2005) inkluzi dik ta' **"Micallef St. John vs Spiteri et"** (A.C. 15 ta' Jannar 2002) u din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi ghandha wkoll timxi fuq l-istess insenjamenti, nkluz dwar *multiplier* b'riferenza ghall-kawzi **"Saviour Sammut et vs Robert Demanuele"** (P.A (GV) - 12 ta' Lulju 2002) u **"Yvonne Cassone proprio et nomine vs Alfred Calamatta et"** (P.A. (TM) – 7 ta' Lulju 2004) u **"Amabile Azzpardi vs Anthony Xeureb"** (P.A. (DS) 14 ta' Jannar 2004) u f'dan il-kaz jidher li d-*decujus* kellu 26 sena meta miet u kien gradwat izda ma kellux impjieg izda kellu kwalifici akkademici u l-attur issemmi li kien qed jistennna li jkollu introjtu ta' US$17,695.8 fis-sena li bir-rata fis-sena 2006 ta' kambju ta' €1.3198 kien iwasslu gha-somma ta' €13,407. Ir-rata ta' kambju llum hija ta' €1.356 u allura twassal ghall-ammont ta' €13,450.14.

Illi izda din il-Qorti thoss li ma tistax timxi ma' dan ghaliex fil-fatt dan bl-ebda mod ma gie kkoroborat u lanqas jidher li l-istess *decujus* kellu xi impieg u fil-verita' l-provi tal-atturi dwar dan huma fl-opinjoni ta' din il-Qorti skarsi u zgur li seta` ser hafna izjed milli fil-fatt sar. Allura din il-Qorti anke abbazi tad-diskrezzjoni li ghandha li tillikwida t-telf u l-qliegh fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, anke tenut kont tan-nuqqas tal-atturi li jindirizzaw sew dan il-punt, ser timxi fuq il-paga minima nazzjonali hawn Malta li dak iz-zmien kienet ta' €134.82 fil-gimgha li twassal ghal €7,010.60 fis-sena u llum hija ta' €158.11 fil-gimgha li twassal ghal €8,221.72 annwali. F'dan il-kaz il-Qorti ser timxi, applikat fuq din l-ahhar ammont (anke fid-dawl tal-kuncett tal-moltiplicand).

Illi applikati l-istess principji indikati fl-istess sentenzi fuq citati u biex jinzamm l'hekk imsejjah bilanc bejn il-principju tal-hajja lavorativa ma' dak tac-*"chances and changes of life"* li ghandhom jghinu biex jiddeterminaw il-*multiplier* minn fost id-decizjonijiet l-aktar ricenti tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, u tenut kont li fid-data kellu 26 sena, l-*multiplier* adoperat ghandu jkun ta' 30 sena.

Illi minbarra dan, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tad-*dependency issue* u jkun hemm tnaqqis ghal (1/3) terz ta' l-istess ammont rizultanti (33%) u minbarra dan trid titnaqqas somma ohra ghal dik maghrufa bhala *"self consumption"* fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%).

Illi hekk mahduma din twassal ghas-segwenti kalkolu tad-danni sofferti fil-kaz tat-telf ta' hajja ta' dan il-bniedem, u dan dejjem skond il-binarju stabbilit fil-gurispridenza l-aktar ricenti ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell anke fis-sentenzi fuq citati u inkluzi dik ta' **"Micallef St. John vs Spiteri et"** (A.C. 15 ta' Jannar 2002) u d-decizjoni moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Saviour Ellul Bonnici vs Salvatore Farrugia"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006) u la darba ghaddew hames snin minn meta l-kawza giet istitwita ghandu jkun hemm tnaqqis ta' 10% u dan ibbazat fuq dak li ntqal fis-sentenzi **"Gerhard Kruger vs Paul Bondin"** (P.A. (JRM) – 4 ta' Novembru 2004) u dik fl-ismijiet **"Simon Chetcuti vs Alec Mizzi et"** (P.A. – 20 ta' Gunju 2002) fejn inghad li:-

*"Il-Qorti thoss li dan il-persentagg ghandu jonqos bi 2% ghal kull sena li l-kwistjoni ddum ma tigi determinata b'mod li wara ghaxar snin dan it-tnaqqis ma jsehhx".*

Illi ghalhekk is-somma li tirrizulta li ghandu jhallas il-konvenut ndikat tenut kont li ghandhom 25% tar-responsabilita' wara li jsir l-imsemmi ezami hija s-segwenti u cjoe':-

€8,221.72 x 30 = €81,395.028 li minnhom titnaqqas 33% ghal dependency issir (€26,860.35,9) li jhalli bilanc ta'

€54,534.66, u minnhom jitnaqqas 25% ghal self consumption (€13,633.65) li jhalli bilanc ta’ €40,901.01 u minnhom jitnaqqas 10% lump sum payment (€4,090) u dan ihalli ammont ta’ €36,811.01 u la darba l-konvenut huwa responsabbli biss fil-grad ta’ kwart (1/4) tal-incident mela allura l-konvenut ghandhu jhallas l-ammont ta’ €9,202.75.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tistabilixxi u tiddikjara li l-imsemmi George Carmel Bugeja kien responsabbli ghal incident ta’ traffiku in kwistjoni fi grad ta’ kwart (1/4) fil-waqt li Karim Chikeur kien responsabbli fil-grad ta’ tlett kwarti (3/4) kif hawn deciz.

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti bhala eredi ta’ l-istess Karim Chikeur fl-ammont ta’ disa’ t’elef, mitejn u tnejn euro u hamsa u sebghin centezmu (€9,202.75)

3. Tikkundanna lill-istess George Carmel Bugeja sabiex ihallas id-danni hekk likwidati lill-eredi ta’ Karim Chekeur fl-ammont ta’ disa’ t’elef, mitejn u zewg euro u hamsa u sebghin centezmu (€9,202.75).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali indikati fir-rikors gurarnentat kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-atturi u kwart (1/4) mill-konvenut, u bl-imghax legali kontra l-konvenut mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------